# 'Antonia'

## *L-aħħar qanpiena li ttellgħet fuq il-knisja parrokjali*

Kien Ottubru ta' l-1938 meta waqt il-mota tal-Ħamis il-qanpiena l-qadima fil-kampnar tan-naħa tal-lemin ixxaqqet u bdiet iżżarżar. Hekk kif spiċċat il-gwerra il-prokuratur ta' dak iż-żmien Dun Ġwann Palmier ħaseb biex iġib qanpiena biex titpoġġa minflok il-qadima u għalhekk fl-1946 nxtrat qanpiena ġdida tad-Ditta John Taylor ta' l-Ingilterra. Kien is-Sibt lejliet Ħadd il-Palm meta wara li ġiet imbierka mill-Isqof Galea il-qanpiena Antonia bdiet tiela' sabiex issib postha fuq il-kampnar. Mal-qanpiena kien tela' wkoll Gaspare Grech, ex bandist u membru tal-Każin Beland. Il-parrinu kien il-Kavalier Anġlu Grima.



*L-Isqof Galea qed ibierek il-qanpiena, qabel ma ġiet imtella' fuq il-kampnar.*

Is-Sur Gaspare Grech irrakkuntalna kif mal-gwarniċun tal-kampnar kienu twaħħlu bużżelli (bħal parank twil) li minnhom niżlu ħbula ta' l-azzar. Dawn il-ħbula għaddew minn pestiega (tarjola) li kienet imqabbda ma' l-art sabiex il-kwantita' kbira ta' nies u tfal bdew jiġbdu sa ma waslu sa kwazi l-għassa tal-pulizija. Hekk kif waslet fuq is-Sur Gaspare Grech flimkien ma' ħaddiema oħra ippustjaw l-qanpiena f'postha. Il-ħin kien it-3:00 ta' wara nofs in-nhar. L-Antonia daqqet għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm fil-mota tal-quddiesa kantata.



*Fir-ritratt jidher is-Sur Gaspare Grech jipprepara sabiex jitla' mal-qanpiena 'Antonia'.*


MARKEN

For replacement of your Watch Batteries

134, Paola Square, Paola.
Tel: 777337